MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 26/2019 LM

**Christopher Shepherd (K.I. numru 19870G)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "id-Direttur Ġenerali appellant"] mid-deċiżjoni tad-29 ta' Novembru, 2019, numru 434/19 [minn issa 'l quddiem "id-

deċiżjoni appellata”] mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem “l-Arbitru”], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa’ l-appell ta’ **Christopher Shepherd** [minn issa ’l quddiem “l-appellat”] kontra d-Direttur Ġenerali appellant għar-raġunijiet hemm imfissra.

**Fatti**

2. Il-fatti ta’ din il-każ jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-8 ta’ April, 2019, li l-appellat kien tħallas żejjed mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (minn issa ’l quddiem “id-Dipartiment”) s-somma ta’ elfejn seba’ mija u seba’ Euro u erba’ ċenteżmi (€2,707.04) rappreżentanti Għajnuna Għall-Mard (SKA) li tħallset bejn il-perijodu li beda fis-17 ta’ Marzu, 2018, u li spiċċa fit-12 ta’ April, 2019. L-appellat ġie mgħarraf ukoll li din is-somma kienet ser titnaqqas bir-rata ta’ 30% mill-istess Għajnuna għall-Mard jew minn kull benefiċċju ieħor li huwa kien jirċievi mid-Dipartiment.

**Mertu**

3. Il-proċeduri odjerni ġew istitwiti permezz ta’ appell mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali li sar permezz ta’ ittra tal-mara tal-appellat għan-nom tiegħu, liema ittra l-Arbitru rċieva fit-28 ta’ Ġunju, 2019, fejn l-appellat sostna li kienet saret inġustizzja kbira meta l-Ispettorat straħ biss fuq rapport li huwa kien qed jaħdem f’garaxx minflok li għamel il-verifiki.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata għar-raġunijiet li huwa fisser fid-deċiżjoni numru 436/19 li qed tiġi riprodotta hawn kif ġej:

*"Illi dan huwa appell magħmul minn wara deċiżjoni tat-8 t'April 2019 li permezz tagħha id-DSS, wara investigazzjoni li saret, skopra illi l-appellant u l-mara tiegħu kienu qed jaħdmu u għalhekk talab lura il-ħlas żejjed ta' €2707.04 Għajnuna Soċjali u tal-Mard li irċieva mis-17 ta' Marzu 2018 t-12 ta' April 2019.*

*Illi l-appellant appella minn din id-deċiżjoni billi sostna li huwa ma għandux xogħol fiss u li l-garage ma kienx jifthu biex jaħsel il-karozzi tan-nies imma biex joqgħod jgħaddi ż-żmien hemm wara li mar il-ħabs.*

*Illi d-DSS ibbaża d-deċiżjoni tiegħu wara spezzjoni li kienet saret mill-ispetturi tiegħu li marru fuq il-post fejn allegatament l-appellant kien qed jaħdem, għajr li l-ispetturi tkellmu magħha u skont huma qaltilhom li tagħmel il-pupi tal-Playmobil.*

*Jibda biex ikun eskluż li minn din l-ispezzjoni ħarġet xi prova illi l-mara tal-appellant fil-fatt fil-fatt taħdem, kif ingħad fid-deċiżjoni tad-DSS.*

*Illi rriżulta li fit-13 ta' Marzu 2019 l-ispetturi marru fuq il-post fejn għarfu lill-appellant u raw persuna tħallilu ċ-ċwievet tal-vettura tiegħu. L-ispetturi ma kellmuhx u kien hu li mar fuqhom isaqsihom jekk kellhomx bżonn xi ħaga mingħandu.*

*Filfatt l-ispetturi kellmu lill-appellant li ammetta magħhom li kien qiegħed hemm biex jaħsel xi żewġ karozzi. Minn imkien ma jirriżulta però illi l-ispetturi, qabel ma kellmu lill-appellant, avżawh li dak kollu li kien ser jgħidilhom seta' jintuża kontra tiegħu u li ma kienx obbligat iwieġeb għall-mistoqsijiet tagħhom.*

*Din il-lanjanza tirriżulta f'kull spezzjoni li issir mill-ispetturi tad-DSS, fejn dawn imorru jitkellmu lill-persuna suspettata li tkun qed tieħu xi benefiċċju li ma jkunx intitolat għaliha. Għalkemm id-dritt tas-silenzju ma huwiex espliċitament imsemmi fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ewropea kemm-il darba enfasizzat li d-dritt tas-silenzju jinsab fil-qalba tat-tifsira tal-artiklu 6.*

*Dan l-artiklu 6 ma jitkellimx biss fuq id-dritt tas-silenzju waqt investigazzjoni kriminali, imma jibda jitkellem fuq id-drittijiet ċivili tal-individwu u d-determinazzjoni tagħhom. Ċertament li persuna tkun aviċinata minn spetturi tad-DSS u tkun mistoqsija ċerti*

*domandi li jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet ċivili tagħha, tmur kontra l-ispirtu tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*L-ispetturi naqsu milli jaraw b'għajnejhom, rigward l-appellant li kien qed jaħsel vettura u jitħallas tagħha u fir-rigward tal-mara li din kienet qed taħdem il-pupi tal-Playmobil jew għall-inqas raw xi evidenza ċirkostanzjali li setgħet twassal għal din il-konklużjoni. Illi dak li ġie ppreżentat fir-rapport ma huwiex l-aqwa prova li d-DSS kellu jġib biex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li l-appellant u l-mara tiegħu kienu qed jiksru l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.*

*Illi di più, id-DSS naqas jiġġustifika l-għażla tad-data li fiha beda jikkunsidra t-tnaqqis u ċioé dik tas-17 ta' Marzu 2018. Semmai kellu jibda jnaqqas mid-data tal-ispezzjoni u ċioé 13 ta' Marzu 2019 u mhux sena qabel b'mod arbitrarju!*

*Għaldaqstant minħabba r-raġunijiet fuq premessi l-appell qed ikun milqugħ."*

**<u>L-Appell</u>**

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-19 ta' Diċembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' April, 2019, filwaqt li ressaq dawn iż-żewġ aggravji: (a) l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti; u (b) l-Arbitru applika ħażin il-liġi u saħansitra naqas ukoll milli japplika l-istess liġi.

6. L-appellat għażel li ma jweġibx.

7. B'digriet tal-24 ta' Ġunju, 2020, din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Direttur Ġenerali appellant sabiex tawtorizza l-ammissjoni bħala prova ta' kopja minn gazzetta lokali fejn ġie rapportat każ kriminali kontra l-appellat li nstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant filwaqt li għaraf li qorti tat-tieni grad m'għandhiex il-kompetenza li tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi kif kien għamel huwa stess u anki l-Arbitru warajh, fil-każ odjern l-Arbitru kien skarta l-provi b'mod li d-deċiżjoni appellata kienet inkompleta u saħansitra errata. L-Arbitru minflok ikkunsidra l-prova sfaċċata li l-appellat u l-mara tiegħu jaħdmu, sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq żewġ kwistjonijiet: (i) id-Direttur Ġenerali appellant naqas milli jikkorrabora l-allegazzjonijiet tiegħu; (ii) in-nuqqas da parti tal-Ispettorat li javżaw lill-appellat u lil martu bid-dritt tagħhom għas-silenzju. Minn hemmhekk id-Direttur Ġenerali appellant jgħaddi sabiex jagħti sinteżi qasira ta' kif żvolga l-każ dakinhar li saret iż-żjara mill-Ispettorat. Wara li l-istess Spettorat dakinhar avża lill-appellat u lil martu li jkun opportun li huma min-naħa tagħhom javżaw lill-Uffiċċji Distrettwali dwar iċ-ċirkostanzi tagħhom, l-appellat dakinhar stess mar javża lid-Dipartiment li huwa kien beda jaħdem fit-13 ta' Marzu, 2019. Iżda l-Arbitru ddeċieda li r-rapport investigattiv waħdu ma kienx prova biżżejjed biex id-Direttur Ġenerali appellant jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu għaliex kellha ssir il-prova li l-Ispettorat ra b'għajnejh stess lill-appellat u lill-mara tiegħu jaħdmu. Dan filwaqt li ma qalx għaliex l-informazzjoni fir-rapport investigattiv ma kinitx tajba u naqas milli jikkonsidra: (i) l-ammissjoni tal-konjuġi Shepherd; (ii) li l-appellat dakinhar stess tal-ispezzjoni mar jinforma lid-Dipartiment dwar ix-xogħol tiegħu. Id-Direttur

Ġenerali appellant minn hawnhekk jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għall-ġurisprudenza sabiex jissostanzja l-argumenti tiegħu. Josserva li l-appellat min-naħa tiegħu ma ressaq l-ebda prova sabiex ixejjen dak li kien ġie kkonstatat mid-Direttur Ġenerali appellant, iżda minkejja dan, l-Arbitru għażel mingħajr raġuni valida li jiskredita r-rapport investigattiv. Id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li l-Arbitru argumenta li l-Ispettorat kien naqas milli jinforma lill-appellat bid-dritt tiegħu għas-silenzju, u dan minkejja li l-istess Arbitru m'għandu l-ebda kompetenza li jittratta kwistjonijiet kostituzzjonali. Josserva li wara kollox, l-argument tal-Arbitru ma kienx ireġi fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' natura ċivili. Id-Direttur Ġenerali appellant ikompli jgħid li l-Arbitru naqas milli jikkonsidra l-irwol tal-Ispettorat taħt il-Kap. 318, in partikolari dak li jipprovdi għalih l-artikolu 112 u l-artikolu 113 ta' dik il-liġi. Huwa jagħmel riferiment hawnhekk għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta fl-ismijiet **Maria Dolores Darmanin *vs.* Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** deċiża fil-25 ta' Marzu, 2015, filwaqt li ddikjara li fil-każ odjern l-Ispettorat kien mexa skont il-liġi u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu kienet waħda korretta. Spjega li fin-nuqqas ta' spezzjonijiet kien ikun hemm lok ta' abbuż u b'riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Katya Jenkins *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, deċiża ukoll minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fit-13 ta' Jannar, 2013, iddikjara li huwa kellu l-obbligu li jirrevedi l-eliġibilità tal-appellat ġaladarba rriżulta li l-konjuġi Shepherd kellhom dħul mhux dikjarat fil-perijodu bejn is-17 ta' Marzu, 2018, u t-12 ta' April, 2019, u jiġbor il-flus imħallsa żejda. Id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li fil-każ odjern, l-Arbitru mhux biss naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi u japplika l-artikoli tal-liġi rilevanti għall-ħatra u għad-dmirijiet tal-Ispettorat u fir-rigward tal-Għajnuna Għall-Mard (SKA) u tar-

rifużjoni, iżda naqas milli jimxi skont il-prinċipju ta' ekwità u ġustizzja *ai termini* tas-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318, filwaqt li jħares id-dettami tal-liġi kif spjegat minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Servolo Farrugia *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** deċiża fil-21 ta' Ġunju, 2006.

10. Din il-Qorti tgħid li bla dubju ta' xejn id-deċiżjoni appellata hija nieqsa kemm minn apprezzament xieraq tal-provi, kif ukoll minn kull konsiderazzjoni legali. L-Arbitru mill-ewwel qabad l-argument, donnu biex jagħmel eżempju bih għal kull każ ieħor, li l-ispetturi tal-Ispettorat kienu naqsu milli javżaw lill-appellat bid-dritt tiegħu għas-silenzju hekk kif huma marru sabiex jivverifikaw ir-rapport li kien sar li l-appellat kien qed jaħdem.

11. Huwa minnu, kif sewwa jirrileva d-Direttur Ġenerali appellant, li s-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318 jirrikjedi li l-Arbitru għandu jiddeċiedi b'mod li jassigura li ġew imħarsa l-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ekwità, iżda ma jfissirx li l-Arbitru għandu jassumi s-setgħat mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tiddeċiedi kwistjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti bl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Jekk tqum il-kwistjoni, u fil-każ odjern dan ma jirriżultax, li l-ispetturi tad-Direttorat naqsu b'xi mod fl-investigazzjoni tagħhom, l-Arbitru għandu jiddeċiedi l-każ quddiemu skont il-parametri stabbiliti mis-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318. Ċertament il-proċeduri quddiem l-Arbitru mhumiex il-*forum* fejn għandu jiġi kkonsidrat jekk id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u proprju d-dritt għas-silenzju, għandux jiġi mħares ukoll waqt investigazzjoni li ssir a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 113 tal-Kap. 318.

12. Il-Qorti tissenjala li skont l-insenjament tagħha l-Arbitru ma jistax meta jisma' u jiddeċiedi l-każ quddiemu iħares id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318 mingħajr ma japplika d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi jew ta' kull liġi oħra rilevanti. Fil-każ odjern u kif sewwa jirrileva d-Direttur Ġenerali appellant, huwa minnu li l-Arbitru naqas li jikkonsidra li s-setgħat tal-ispetturi huma stabbiliti permezz tas-subartikolu 113(1) tal-Kap. 318 u fosthom wieħed isib ukoll is-setgħa skond il-para. (ċ):

> *"(ċ) li jeżamina, sew jekk waħdu jew fil-preżenza ta' xi persuna oħra, kif jidhirlu xieraq, dwar dawk il-ħwejjeġ taħt dan l-Att li dwarhom jista' jkun raġonevolment jeħtieġ informazzjoni, lil xi persuna li jsib f'dak il-fond jew lok, jew li dwarha jkollu kawża raġonevoli sabiex jaħseb li hi jew li kienet persuna impjegata jew persuna li taħdem għaliha nnifisha, u li teħtieġ li kull persuna bħal din li tiġi hekk eżaminata;"*

13. Din il-Qorti filwaqt li tafferma l-prinċipju ġenerali li hija tista' biss tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul minn tribunal tal-ewwel grad jekk jirriżulta li dak it-tribunal ma setax wasal għall-konklużjoni tiegħu b'mod raġonevoli, fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali appellant, issib li fil-każ odjern huwa opportun li tagħmel evalwazzjoni tal-provi li tressqu quddiem l-Arbitru. Mill-ewwel għandha tgħid li minn qari tar-rapport investigattiv ma jirriżultax li b'xi mod ġew miksura l-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ekwità. Jirriżulta li l-ispetturi hekk kif mar fuqhom l-appellat stess isaqsihom jekk kellhomx bżonn xi ħaġa mingħandu, identifikaw ruħhom u talbuh sabiex jimxi magħhom sal-garaxx sabiex jispjegawlu l-mottiv taż-żjara tagħhom. Meta mbagħad l-appellat ġie mistoqsi x'kien qed jagħmel fil-garaxx, kien huwa stess li kkonferma li huwa kien qiegħed hemm biex jaħsel xi żewġ karozzi u li kien jieħu €5.00 (ħames Euro) ta' kull ta' karozza li jaħsel. Mistoqsi

kemm kien ilu jagħmel dak ix-xogħol, l-appellat stqarr li huwa kien ilu madwar sena jaħsel il-karozzi tan-nies. Fir-rigward tax-xogħol li allegatament kienet twettaq il-mara tiegħu, jirriżulta mir-rapport li hija stess ikkonfermat li kienet f'impjieg. Wara li l-ispetturi spjegaw lill-konjuġi Shepherd li d-Dipartiment ma kienx infurmat bl-impjieg rispettiv tagħhom, l-appellat minn jeddu aktar tard fl-istess jum avża lid-Dipartiment li huwa kien beda jaħdem sa mit-13 ta' Marzu, 2019.

14. Din il-Qorti tosserva li ma hemm l-ebda prova fl-atti li tirribatti l-kontenut tar-rapport investigattiv u saħansitra lanqas ma jidher li saret xi kontestazzjoni fir-rigward tiegħu mill-appellat. Għalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-osservazzjoni tal-Arbitru li l-ispetturi naqsu milli jivverifikaw personalment billi jaraw lill-appellat jaħsel il-karozzi tan-nies u anki billi jaraw huma stess lil martu tagħmel il-pupi tal-*Playmobil* jew li sabu xi evidenza sostanzjali li setgħet twassal għal dan, ma ssib l-ebda sostenn fil-provi.

15. L-Arbitru jirrileva li l-kontenut tar-rapport mhux l-aqwa prova, iżda dan filwaqt li naqas milli jikkonsidra n-nuqqas ta' prova kontrarja u anki ta' kontestazzjoni da parti tal-appellat, kif ukoll il-fatt li kien l-appellat stess li sussegwentiment u saħansitra dakinhar tal-ispezzjoni, mar avża lid-Dipartiment dwar l-impjieg tiegħu. Prova aqwa minn din ċertament ma setgħetx issir.

16. Fl-aħħar nett il-Qorti tqis ukoll il-prova li tressqet mid-Direttur Ġenerali appellant, u li tinstab a *fol.* 22 tal-proċess, minn fejn jirriżulta b'mod inekwivoku li l-appellat sa ftit ilu kien qed jagħmel l-istess xogħol li nstab

jagħmel mill-ispetturi fit-13 ta' Marzu, 2019. Il-Qorti hawnhekk issib li m'għandha xejn aktar x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet magħmula.

17. Għalhekk, din il-Qorti ssib l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikati u tilqagħhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tal-istess Direttur Ġenerali appellant tat-8 ta' April, 2019.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**